**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 17**

**Data:** **31 ta' Lulju, 2020**

**Hin:** **09.40am**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

17.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

17.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

17.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

17.5 Korrispondenza u Rapporti;

17.6 Aggornament gbir ta' skart kummercjali;

17.7 Progetti;

17.8 Resurfacing;

17.9 Attivitajiet;

17.10 Kaz ta' l-Ombudsman;

17.11 Bye-Laws;

17.12 Materji ohra;

17.13 Skeda ta' Pagamenti;

17.14 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**17.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

17.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

**17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

17.2.1 Il-Minuti ta' l-14 u 15 laqgha tal-Kunsill gew approvati bhala dokument korrett.

**17.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

17.3.1 Is-Sindku aggorna lill-membri dwar il-laqgha li saret ma' l-operaturi tal-postijiet ta' akkomodazzjoni fir-rigward tal-gbir ta' skart. Huwa qal li l-attendenza kienet wahda numeruza u kulhadd jidher li fehem u fl-istess waqt taw is-suggerimenti taghhom. Fost ohrajn huwa ssuggerew li jintuzaw boroz li jkollhom il-label bl-isem ta' kull farmhouse sabiex jigi evitat li haddiehor ihalli l-iskart quddiem taghhom pero' din ovvjament kienet decizjoni li ried jiehu l-Kunsill. Is-Sindku qal li jekk il-Kunsill jaghzel din l-opzjoni sabiex jinghata z-zmien mehtieg lill-operaturi dan ghandu jidhol fis-sehh mill-1 ta' Settembru u fl-istess waqt tinghata opzjoni li jew jixtru l-boroz mill-Kunsill jew mill-hanut pero' l-lables iridu jinxtraw mill-Kunsill. Gie spjegat li dawn il-lables ikollhom il-logo tal-Kunsill fuqhom u l-isem tal-farmhouse. Il-Kunsill jista' jordnaw dawn il-lables f'bulk.

Is-Sindku ssugerixxa ukoll li titwaqqaf Assocjazzjoni ghall-operaturi f'dan il-qasam fejn tkun tista' ssir gabra tlett darbiet fil-gimgha. L-ispiza tkun tista' tithallas mill-Assocjazzjoni jigifieri mill-operaturi nfushom fejn jekk jinghaqdu dawn xorta jkollhom prezz vantaggjuz milli kieku jkollhom imorru ghand il-kuntrattur individwalment. Jekk xi wiehed mis-sidien ma jkunx jixtieq dan ovvjament ikollu jipprezenta kopja tal-kuntratt.Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

Opzjoni ohra li tista' ssir hija li jsir underground garbage disposal li jkun jahdem bil-coin. Pero' l-importanti huwa li jkun hemm assocjazzjoni li jkollha sotto

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

kumitat rapprezentativ. L-opzjoni l-ohra hija li ssir bye-law f'dan ir-rigward. L-importanti huwa li jkollna lokalita' nadifa u li l-ligi tigi osservata. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u innota li din mhiex kwistjoni ta' taxxa imma li jkun hawn lokalita' nadifa u fl-ordni. Gie innotat ukoll li l-borza mhux ser issolvi l-problemi kurrenti u li s-sid tal-post huwa responsabbli minkejja li l-post jista' jkun ghand terzi u jew jitnaddaf mill-*cleaners*. Is-Sindku qal li waqt il-laqgha tqassmu u kienu spjegati l-granet kif jingabar l-iskart u kif ghandu jigi separat. Il-Kunsill qabel li ghandha tintbghat ittra lis-sidien tal-postijiet ta' akkomodazzjoni. Fuq dan il-punt il-Kunsill issugerixxa ukoll li ghandha tehel camera tahdem bis-solar li tehel fejn ikun hemm problemi. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu l-passi biex tehel il-camera proposta. Gie innotat ukoll li l-Kunsill qieghed jonfoq il-flus fis-sistemi ta' sigurta' u meta jkun hemm multi ma jigbor xejn hlief l-10% administration fee. Fuq dan il-punt il-Kunsill qabel li ghandha ssir bye-law.

17.3.2 Is-Sindku spjega li f'Settembru kull sena tigi organizzata harga ghal Malta ghal familja pero' s-Sindku qal li fic-cirkustanzi mhux ghaqli li tigi organizzata. Il-Kunsill qabel ma' l-opinjoni tas-Sindku.

17.3.3 Is-Sindku qal li hemm problema li fejn jispicca l-pavimentar tal-pjazzez u bejn t-tarmak qed jinqala'. Ghal dan il-ghan is-Sindku ssugerixxa li jigi kkuntatjat il-kuntrattur tat-tarmak tal-Kunsill biex isolvi din il-problema. Il-Kunsill qabel mall-proposta tas-Sindku.

17.3.4 Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu kuntratt mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni fir-rigward tal-creativity hub fejn wahda mill-punti kienet tghid li l-Kunsill irid jixtri ghamara ghall-art room, complimentary room u board room. Il-Kunsill diga gab kwotazzjonijiet fejn wahda kienet lokalment u kienet tammonta ghal €9000 u l-ohra kienet minn barra li kienet tammonta ghal madwar €4000. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi ma' l-ohros kwotazzjoni.

17.3.5 Il-Vici Sindku staqsa jekk jistax jibda' x-xoghol fuq l-entratura tac-cimiterju. Is-Sindku qal li Trejqet is-Sisien hemm zewg arbli tal-high tension fejn residenti taz-zona kienu qed jitolbu li dawn jitnehhew. Is-Sindku qal li dan huwa possibli peress li ghad irid isir ix-xoghol fi Triq Birbuba fejn f'dan il-kaz tkun trid issir trinka li minn Birbuba tghaddi ghal wara c-cimiterju. Huwa ssugerixxa li dawn ix-xogholijiet isiru waqt li tkun qeghda ssir it-triq. Fuq dan il-punt huwa spjega li l-kuntrattur qed jistenna LA tohrog lilu min-naha ta' l-Enemalta minhabba x-xogholijiet. Il-Kunsill qabel li dawn l-arbli ghandhom jitnehhew u ssir it-trinka ghalihom. Is-Sindku ssugerixxa sabiex waqt l-andament tax-xoghol isiru spot checks fuq il-culvert li hemm bejn il-Wied ta' Jodros u c-Cimiterju u fejn u jekk ikun hemm il-bzonn dan jissewwa. Il-Kunsill iddiskuta dan is-suggeriment u qabel li ghandu jitranga f'kaz ta' bzonn il-culvert imsemmi.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

17.3.6 Is-Sindku qal li fil-latrina pubblika tac-changing rooms hemm problema n-naha tal-irgiel peress li l-hajt qieghed dejjem ikun ahdar jigifieri qed jidhol ilma. Sabiex tissolva din il-problema irid isir bejt gdid. Is-Sindku qal li parti mix-xogholijiet jista' jsir mill-haddiema filwaqt li xogholijiet ohra bhala membrane ikun irid isir b'kuntrattur privata wara li jingabru kwotazzjonijiet. Il-Kunsill qabel li ghandhom isiru x-xogholijiet sabiex tissolva din il-problema.

Fir-rigward tat-trakka fejn kien hemm problema fuq il-garanzija bankarja, s-Sindku spjega li l-kuntrattur kien qabel li jsiru x-xogholijiet wara li saret site visit flimkien mall-kuntrattur pero' dan ix-xoghol ma' setax isir issa minhabba it-temp shun. Ghaldaqstant l-avukat tal-Kunsill kienet ser tipprepara kuntratt li jigi ffirmat u jista' jkun il-kaz li ssir garanzija fl-isess waqt.

17.3.7 Il-Vici Sindku gibed l-attenzjoni li hemm bzonn li jigi rrangati l-bankijiet tal-grawnd. Il-Kunsill qabel ma' dan.

17.3.8 Is-Sindku qal li fir-rigward tal-problema tad-drenagg kien hemm involuti zewg kumpaniji ta' assikurazzjoni wahda li kienet dik tal-Kunsill u l-ohra li kienet tal-Water Services Corporation. Gie spjegat li wara li ttiehed parir il-Kunsill kien ahjar li l-Kunsill ikompli jmexxi bl-insurance tieghu. Tonio Mifsud staqsa kemm kien hemm spejjez fi hsarat fejn gie spjegat li hemm bejn wiehed u iehor madwar €10,000.00 pero' l-Kunsill kien ghadu qed jistenna l-istima minghand il-Perit li kien qed jahdem fuqha.

17.3.9 Is-Sindku spjega li fix-xhur li ghaddew il-Kunsill kien dahal f'zewg progetti fejn f'wiehed kien Lead Partner u fl-iehor kien partner. Iz-zewg progetti kienu relatati ma' skart fejn tista' ssir kampanja edukattiva. Fil-prezent il-Kunsill kien ghadu qed jistenna rrizultat ta' dawn il-progetti. Huwa zied jghid li jista' jkun li jekk jghaddu ghall-finanzjament apparti l-kampanja edukattiva tkun tista' ssir xi forma ta' progett fiziku. Tonio Mifsud qal li huwa ma jaqbdilx li l-bring-in-sites ikunu fejn il-gate ta' l-iskola. Gie spjegat li dawn il-bins kienu saru b'permess tal-MEPA u li qed jigu monitored kuljum fejn min jinqabad jarmi qed jintalab jnehhi l-iskart li rema'.

17.3.10 Gie spjegat li l-offerta' tal-van elettrika kienet intefghet offerta' wahda li fiha ma kienx inkluz lifter. Gie spjegat li biex izzid lifter dan jiswa madwar €16,000.00. Opzjoni ohra tista' tkun li tinstab wahda second hand. Tonio Mifsud qal li l-problema fis-second hand tkun il-batteriji peress li dawn jiswew il-flus u second hand ikunu diga uzati. Is-Sindku spjega li dawn ikunu taht garanzija fejn ghandha tkun garanzija internazzjonali u x-xerrej ikun cert li l-agent japprova din il-garanzija. Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jesplora u jara f'hemm available fis-suq pero' din l-offerta' m'ghandiex tigi rifjutata fil-prezent. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni u qabel mas-suggeriment tas-Sindku.

17.3.11 Gie spjegat li l-Kunsill ser jinghata zewg AED's u ser jixtri tnejn ohra. Apparti

minn dan il-Kunsill diga ghandu sponsor ta' €1000.00. Il-Kunsill qabel unanimement.

17.3.12 Is-Sindku spjega li ta' kull sena l-Kunsill jidhol f'arrangamenti ma' l-NGO's lokali fejn flimkien jorganizzaw attivitajiet matul is-sena. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li l-ghajnuna ma' kull ghaqda m'ghandiex taqbez l-€1500.00. Il-Kunsill qabel li ghandu jara x'jippermettu l-finanzi u bhas-snin precenti jikkollabora ma' l-ghaqdiet.

17.3.13 Is-Sindku qal li fi Triq l-Isqof M. Molina kien hemm problema ta' parking fil-kantuniera qabel taqbad Pjazza Gerano u dan minkejja li fuq il-post hemm diga double yellow line. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill evalwa jekk hux ahjar bankina jew bollards. Il-Kunsill qabel li l-ahjar soluzzjoni huwa li jitwahhlu bollards.

17.3.14 Saret referenza ghall-incident ta' hruq f'dar fi Triq Mongur. Is-Sindku ssugerixxa sabiex fejn hu possibli b'mod partikolari fejn hemm triq li tkun ghadha ma saritx ghandhom isiru gibjuni ta' l-ilma. Ovvjament dan jekk it-triq tippermetti dan. Tonio Mifsud issugerixxa li minflok jintuza l-main ta' l-ilma bil-permess tal-Water Services Corporation. Gie innotat li f'dan il-kaz ikun hemm spiza relatata dejjm jekk jinghata l-permess. Suggeriment iehor huwa li min ghandu gibjun issir fitting quddiem id-dar fit-triq biex ikun jista' jintuza dan is-servizz f'kaz ta' bzonn pero' ovvjament jithallas tas-servizz. Dan jista' jsir jekk it-triq ma tippermettix li jsir gibjun. Tonio Mifsud issugerixxa li jkun hemm persuna intiza fil-Health and Safety u jissugerixxi fejn jista' jsir. Il-Kunsill kompla jiddiskuti u qabel mall-proposti li saru.

17.3.16 Fir-rigward tal-progett tal-pixxina, gie spjegat li jidher li dan ghandu fil-boghod biex isir u ghal dan il-ghan huwa ssugerixxa li fejn hemm il-pitch taht il-leisure park jinbidel u ssir pixxina tal-qies 9 x 4 bir-railing fejn ikunu jistghu jsiru lezzjonijiet tal-ghum. Tonio Mifsud qal li huwa ma jaqbilx ma' din l-ideja ghax fl-opinjoni mhix vijabbli. Il-Kunsill ghadda ghal vot u ghadd b'erba' favur u wiehed kontra.

17.3.17 Is-Sindku qal li hemm bzonn li terga' ssir iz-zebgha madwar il-lokalita' fejn ix-xoghol isir minn haddiema tal-Gvern u l-materjal jigi provdut mill-Kunsill. Fuq dan il-punt Joseph Mizzi staqsa jekk id-disabled parking li hemm fi Trejqet is-Sisien ghadux jintuza jew le fejn gie spjegat li dan kien sar bil-permess u jidher li jintuza.

17.3.18 Saret referenza ghall-funtana tal-Pjazza fejn jidher li hemm hsara peress li l-pipe inqal minn ma' wicc it-triq. Huwa spjega li hemm sistema ta' directional drilling fejn dan il-pipe jista' jigi elimat u ssir toqbda preciz minn naha s'ohra. Gie spjegat li sabiex isir ix-xoghol trid tinqala' l-irhama. Il-Kunsill iddiskuta dan ix-xoghol u qabel li ghandu jsir id-directional drilling.

17.3.19 Tonio Mifsud staqsa ghaliex ix-xelter mhux miftuh. Is-Sindku qal li dan tnaddaf pero’ rega’ inghalaq minhabba x-xita. Tonio staqsa jekk jistax jigi armat fejn is-Sindku qal li kien hemm problema ta’ umidita’ u ghaldaqstant kollox jispicca. Tonio Mifsud issugerixxa li jsir ventilatur iehor ghall-arja ma’ dak ezistenti. Il-Kunsill qabel ma’ dan is-suggeriment.

17.3.20 Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-bieb tal-librerija jinghalaq u jsir tieqa u fejn hemm tieqa tinfetah bieb. Dan sabiex kull min ikun irid juza l-creativity hub jew gym jista’ jghaddi minn hemm u jibqa’ ghaddej minghajr ma jidhol fil-librerija. Il-Kunsill qabel ma’ dan is-suggeriment.

Fuq il-librerija Miriam Borg issugeriet li ssir library on wheels fejn ikun hemm trakk li jdur madwar il-lokalita’ li fih ikun hemm kotba li jistghu jissellfu. Is-Sindku qal li tista’ tigi nvoluta’ NGO f’dan is-servizz li jinghata tlett darbiet f’gimgha. Din tista’ tkun wahda ukoll mill-arrangamenti li jsiru ma’ l-ghadiet. Il-Kunsill qabel ma’ din il-proposta.

17.3.21 Is-Sindku semma t-tisbih tal-Pjazzez madwar il-lokalita’ fejn jistghu jsiru ghadd ta’ disinni li jikkumplimentaw maz-zona. Miriam issugeriet ukoll li jistghu jsiru bhal temi mar-roundabouts skond il-kaz. Is-Sindku ssugerixxa li peress li l-Kunsill jorganizza l-Herb festival jistghu jitpoggew pots bil-herbs matul Triq il-Knisja li jservu s-sena kollha. Fuq dan il-punt il-Kunsill qabel li jiehu l-opinjoni ta’ l-esperti f’dan il-qasam. Il-Kunsill kompla jiddiskuti x’jista’ jsir f’dawn il-pjazzez fejn sar qbil li ghandha tohrog espressjoni ta’ interess u wiehed jissottometti l-ideja/disinn tieghu.

Joseph Mizzi staqsa dwar l-offerta tal-Wied ta’ Jodros fejn gie spjegat li hadd ma tefa’ l-offerta’ tieghu.

17.3.22 Is-Sindku ssugerixxa sabiex issir forma ta’ kompetizzjoni ghat-tfal sabiex isir kalendarju ghas-sena d-diehla. Huwa ssugerixxa li t-tfal jigu maqsuma skont il-kunjom u kulhadd jidhol fl-istagun skond il-kunjom. Il-Kunsill qabel ma’ din l-ideja u qabel li ghandu jsir reklam fuq il-leaflet ’Il-Pjazza’.

17.3.23 Is-Sindku nforma lill-membri li fir-rigward tal-parkegg ta’ l-Isqaq fi Triq Molina, kienet waslet ittra minghand l-ombudsman fejn wiehed mis-sidien ma kienx qed jaqbel. Gie spjegat li din l-ittra kienet ghaddiet ghand l-avukat biex jipprepara risposta jsostni d-decizjoni tal-Kunsill.

17.3.24 Is-Sindku qal li kienet saret talba minn residenti fi Triq Frangisk Portelli fejn talbu li ssir mera. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprezenta t-talba lit-Transport Malta.

17.3.25 Is-Sindku qal li kien gie avvicinat li kien hemm problema ta’ tosku fil-front gardens u toroq u li kienu qed jigu affettwati l-annimali bhala klieb u qtates. Is-Sindku ssugerixxa li jsir rapport ghand il-pulizija. Il-Kunsill qabel ma’ dan is-suggeriment.

17.3.26 Fir-rigward ta' attivitajiet il-Kunsill kellu tlett avvenimenti li kienu l-Herbs Festival, Kite Festival kif ukoll il-maratona. Is-Sindku ssugerixxa li tinxtara tinda fejn biex ikollna prezz vantaggjuz l-plastic jingab minn kumpanija u l-armar ta' taht ikun minn kumpanija ohra. Il-Vici Sindku staqsa fejn tinzamm din it-tinda fejn gie spjegat li din titpogga fil-garaxx fi Triq Felic Grech. Il-Kunsill qabel li tinxtara din it-tinda.

**17.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

17.4.1 Giet trattata mistoqsija minghand Joseph Mizzi fejn huwa staqsa dwar hitan tas-sejjieh. Gie spjegat li l-hitan li jzommu t-triq huma responsabilita' tal-Gvern Centrali filwaqt li ta that l-ghalqa huwa responsabilita' tas-sid ta' l-ghalqa. Gie spjegat ukoll li l-Kunsill jaghmel bini ta' hitan tas-sejjieh meta jkun privat meta jkun imiss mat-triq ghax ikun hemm il-fondi ghalihom. Fir-rigward tal-hitan li ssemmew Joseph Mizzi ser jibghat site plan lis-Segretarju Ezekuttiv biex jigu verifikati liema huma u kif jistghu jsiru u minn min. Fost ohrajn huwa semma fejn hemm il-bajtar fi Triq il-Madonna tal-Virtut fejn gie spjegat li dan il-hajt huwa privat. Is-Sindku qal li l-progett li tahtu hemm allokati l-flus ghall-hitan tas-sejjieh hemm fost l-ohrajn parti mill-Wied ta' Jodros.

**17.5 Korrispondenza u Rapporti**

17.5.1 Giet trattata talba minn persuni li joffru servizz ghal persuni b'nuqqas tas-smiegh fejn dawn talbu lill-Kunsill jipprovdi post. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u qabel li ghandu joffri l-berga. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.5.2 Giet trattata applikazzjoni tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar fir-rigward ta' Applikazzjoni fi Triq Patri Albert Caruana fejn kien gie innotat li ma kienx hemm garbage room inkluza fl-applikazzjoni. Il-Kunsill qabel li ghandha tintalab li din il-kamra tigi inkluza fil-pjanti.

17.5.3 Giet trattata korrispondenza minghand il-Kunsill Lokali fir-rigward ta' ktieb bl-isem 'Doorways of Malta' fejn fost ohrajn hemm inkluz ukoll il-Knisja ta' l-Gharb. Il-Kunsill qabel li jinxtraw kopji ta' dan il-ktieb biex jintuzaw bhala souvenir / token ghal meta jkun hemm id-delegati.

17.5.4 Gew trattati s-segwenti applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp – PA4281/20, PA04451/20, PA/04614/20, PA/04730/20.

Other applications were read out.

**17.6 Aggornament gbir ta' skart kummercjali**

17.6.1 Din il-materja kienet giet diskussa precedentament fil-komunikat tas-Sindku.

**17.7 Progetti**

17.7.1 Fir-rigward tal-Progetti l-Kunsill kien diga ddiskuta dwarhom fil-komunikat tas-Sindku u b'zieda ma' dan is-Sindku zied jghid li l-kuntrattur tal-hitan tas-sejjieh kien qieghed Malta u kienu qed jigu diskussi x-xogholijiet. Giet innotat li l-BOQ kien hemm zball fit-titlu fejn l-ismijiet tat-toroq kienu mibdula. Dwar dan il-Kunsill kien qed jitkellem mall-Managing Authority biex jara it-triq il-quddiem.

**17.8 Resurfacing**

17.8.1 Din il-materja kienet giet diskussa precedentament fil-komunikat tas-Sindku.

**17.9 Attivitajiet**

17.9.1 Din il-materja kienet giet diskussa precedentament fil-komunikat tas-Sindku.

**17.10 Kaz ta' l-Ombudsman**

17.10.1 Din il-materja kienet giet diskussa precedentament fil-komunikat tas-Sindku.

**17.11 Bye-Laws**

17.11.1 Din il-materja kienet giet diskussa precedentament fil-komunikat tas-Sindku.

**17.12 Materji ohra**

17.12.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attivita' ta' Jum l-Gharb fejn qabel li jsir fil-gurnata tas-Sibt u l-Hadd issir l-attivita' tal-Brilli f'San Pietru filghodu. Dan dejjem sakemm ma jkunx hemm restrizzjonijiet godda.

**17.13 Skeda ta' Pagamenti**

17.13.1 Tonio Mifsud qal li meta jkun hawn persuni distinti l-Kunsilliera ghandhom jigu nfurmati. Is-Sindku spjega li waqt il-laqgha precedenti tal-Kunsill l-membri kienu gew infurmati li ser ikun hawn prezenti persuni distinti fejn kellhom jattendu laqgha dwar in-Night Shelter. Gie spjegat li lanqas il-kumitat tal-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni ma kienu mistiedna ghal din il-laqgha minhabba is-sensitivita' tal-kuntratt. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill ma sab ebda oggezjoni dak inhar f'dan ir-rigward u ghalhekk tmexxa kollox kif kien pjanat.

17.13.2 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

**17.14 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.**

17.14.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis 20 ta' Awissu, 2020 fit-8.00am.

17.14.2 Il-laqgha spiccat f'11.25pm.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |